32005D0084

L 30/10 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 3.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Jannar 2005

## li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika mal-"Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv"

(2005/84/Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv kienet miftuħa għall-iffirmar mid-29 ta' Settembru 1997 sad-dħul fis-seħħ tagħha fit-18 ta' Ġunju 2001.

(2) Din il-Konvenzjoni issa hija miftuħa għall-adeżjoni minn organizzazzjonijiet reġjonali ta' natura ta' integrazzjoni jew oħra, bil-kondizzjoni li kwalunkwe tali organizzazzjoni hija kostitwita minn Stati sovrani u għandha kompetenza fir-rigward tan-negozjar, il-konklużjoni u l-applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali fi kwistjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni, u l-Komunità għażlet li taderixxi.

(3) Fid-dawl tal-kompiti assenjati lill-Komunità mill-Kapitolu 3 "Saħħa u Sigurtà" tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni Konġunta għandha tiġi approvata.

(4) Meta taderixxi ma' din il-Konvenzjoni l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ser ikollha tressaq riżerva dwar in-non-konformità ta' l-Artikolu 12 (1) tad-Direttiva 92/3/Euratom dwar is-sorveljanza u l-kontroll ta' konsenji ta' skart radjuattiv bejn l-Istati Membri u 'l ġewwa u 'l barra mill-Komunità [1] bil-ħtieġa speċifika fl-Artikolu 27, paragrafu 1 (i) tal-Konvenzjoni Konġunta li teħtieġ il-kunsens ta' l-Istat destinatarju fil-qafas ta' movimenti transkonfini.

(5) Meta ssir parti minn din il-Konvenzjoni, l-Art. 39 (4)(iii) ta' din il-Konvenzjoni jobbliga lil tali organizzazzjoni biex tikkomunika lid-Depożitarju dikjarazzjoni li tindika liema Stati huma membri tagħha, liema Artikoli ta' din il-Konvenzjoni japplikaw għaliha, u l-estent tal-kompetenza tagħha fil-qasam kopert minn dawk l-artikoli.

(6) Il-kompetenzi, taħt il-Konvenzjoni Konġunta, ta' l-Istati Membri bħala partijiet kontraenti għaliha mhux ser jiġu preġudikati mill-adeżjoni tal-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

1. L-adeżjoni tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv hija b'dan approvata.

2. It-test tad-dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39 § 4 (iii) tal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv huwa mehmuż mad-Deċiżjoni preżenti.

Magħmula fi Brussel, nhar il-24 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

[1] ĠU L 35, tat-12.2.1992, p. 24.

*ANNESS*

**Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39 § 4 (iii) tal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv**

L-Istati li ġejjin huma attwalment membri tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika: ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Komunità tiddikjara li l-Artikoli 1 sa 16, 18, 19, 21 u 24 sa 44 tal-Konvenzjoni Konġunta japplikaw għaliha.

Il-Komunità tippossjedi kompetenzi, maqsuma ma' l-Istati Membri msemmija hawn fuq, fl-oqsma koperti mill-Artikoli 4, 6 sa 11, 13 sa 16, 19 u 24 sa 28 tal-Konvenzjoni Konġunta kif previst mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika fl-Artikolu 2(b) u l-Artikoli rilevanti tat-Titolu II, Kapitolu 3, intitolat "Protezzjoni tas-Saħħa".